**j**
**MINUTI**

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 02/03 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 27 ta' Novembru 2017

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | ASSENTI |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | SKUŻAT |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUŻAT |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sostitut għas-Sur Joe Attard** | Rappreżentant | Kunsill lokali Zejtun | ASSENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

AĠENDA

02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

02.3 Komunikazzjoni mill-President;

02.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

02.5 Rapporti;

02.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 73/2017;

02.7 Mozzjonijiet;

02.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Intalbet sospensjoni tal-laqgħa fejn il-membri preżenti għamlu ftit mumenti ta' silenzju bħala turija ta' rispett għat-telfa tas-Sur Joe Attard Sindku taż-Żejtun li kien miet ftit tal-**

**ġranet qabel. Il-President informa lill-membri li f'isem ir-Reġjun Xlokk kien bgħat kuruna tal-fjuri dakinhar tal-funeral.**

Minn hawnhekk il-laqgħa kompliet kif skedat.

### 02.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li s-Sindku ta' Raħal Ġdid kien ċempel sabiex jitlob ikun skużat mil-laqgħa minħabba impenji oħra. Ittri ta' Apoloġija

i.i Il-Kumitat Reġjonali Xlokk ħa nota u approva li s-Sindku ta' Raħal Ġdid ikun skużat mill-laqgħa minħabba impenji oħra.

### 02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

i. Is-Sindku tax-Xgħajra kif ukoll il-Viċi Sindku tal-Floriana talbu sabiex issir korrezzjoni f'xi ismijiet u/jew kunjomijiet hekk kif elenkati fil-Minuti tax-xaħar ta' Ottubru. Il-Kumitat ħa nota ta' dawn il-korrezzjonijiet filwaqt li approva l-korrezzjonijiet kif mitluba. Sadanittant peress li l-Minuti tal-Laqgħa ta' Ottubru numru 01/2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 01/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

### 02.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President nforma lill-Kumitat li ladarba l-pożizzjoni tal-Viċi President ġiet vakant kien qed jipproponi filwaqt li s-Sur Horace Gauci Sindku ta' M'Xlokk kien qed jissekonda li s-Sur Anthony Valvo jkun maħtur Viċi President tal-Kumitat Reġjonali Xlokk. Il-Kumitat qabel unaniment. Ħatra Viċi President ġdid

**ii.** Dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion, il-President Paul Farrugia, nforma lis-Sinjuri membri li l-każ tal-QORTI kien beda jinstema nhar is-7 ta' Novembru 2017, u kienet tat il-verżjoni tagħha s-Sra. Joan Mangion filwaqt li kienu leħqu sxhdu s-Sur Anthony Valvo Sindku tax-Xgħajra kif ukoll s-Sur Adrian Mifsud Direttur DLG. Żied jispjega l-President li din il-kawża kienet ġiet differita għat-30 ta' Jannar 2018. Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**iii.** Il-President nforma lill-kumitat li l-LESA kienu ħallsuna sa' Ottubru 2017. Hawnhekk il-President Paul Farrugia reġa kkonferma li LESA ma kenitx qed tħallas ir-*running costs* imma kienu qed jirrifondu biss is-salarji tal-impjegati. Il-Kumitat unanimament qabel li tintbgħat din l-ittra. LESA

iii.i Hawnhekk qamet diskussjoni fejn il-Membri qalu li bħalissa garr biss qed ikollhom mis-servizz offrut mil-Gwardjani Lokali. Il-President qal li kien ser jikteb lill-Ministru u lis-Segr. Parl. li l-Kunsilli membri tar-Reġjun Xlokk kienu tilfu l-fiducja kollha fil-LESA.

iii.ii Is-Sur Horace Gauci rrmarka li jekk lanqas acknowledgement ta' din l-ittra ma tintbgħatilna l-Kumitat kellu jressaq l-ilment tiegħu quddiem il-mezzi tax-xandir. Il-Kumitat qabel unanimament.

iii.iii Is-Sra. Alison Zerafa Civelli Sindku ta' Bormla nformat lill-Kumitat li bħall-

kunsilli tal-Kottonera kellhom stedina mill-Kumitat tal-karnival biex isir xi ħaġa fix-xitwa. Il-Kunsillier Lawrence Attard qal li kull Kunsill kellu jressaq il-proposti tiegħu.

**v.** Il-President nforma lill-Kumitat, li rigward il-fond ta' miljun Ewro mill-Lesa li r-Reġjun Xlokk kien ser jibbenefika minn €53,000, kien diġa għamel rikjesta ufficjali lill-AKL. Sadanittant il-President żied li kien inbeda l-proċess tat-tender li kien ser jiġi ppubblikat fil-jiem li ġejjien. Fond ta' Miljun Ewro mill-LESA

**vi.** Il-President Paul Farrugia fir-rigward tad-dokument dwar fondi relatati mal-EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2024-2021 spjega li l-kumitat kien għadu ma ġiex maħtur. Pero żied jispjega li kull min kellu xi ħaġa kien setgħa jressaqa. EEA & NORWEGIAN FINANCIAL MECHANISM 2024-2021

**vii.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li hu bħala Viċi President tal-AKL ukoll kien ġie mitlub joħloq policy dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali fosthom dawk taħt l-iskema RSSL, Community Workers u dawk reġjonali. Qal li ġie mitlub jagħmel dan sabiex ikun hemm tqassim iktar ekwu bejn il-Kunsilli Lokali. Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

vii.i Il-President talab lill-Kumitat sabiex min ikollu bżonn il-ħaddiema tar-Reġjun kellu jibgħat email sabiex b'hekk kien seta jfassal programm.

**viii.** Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett. Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun. Nforma lis-Sinjuri Membri li għall-laqgħa f'Ateni l-Greċja bejn it 8-10 ta' Novembru 2017 kienu pparteċipaw is-Sur Charlot Mifsud – Kunsillier Kunsill Lokali M'Skala, s-Sinj. Speranza Chircop Sindku Kunsill Lokali Kalkara, u s-Sur Lawrence Attard Kunsillier Kunsill Lokali Birgu. Dawn it-tlett parteċipanti rrapurtaw li kienet laqgħa nteressanti ħafna u interattiva immens. Żiedu jispjegaw li għal Jannar 2018 kien imiss laqgħa oħra. URBACT

**viv.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar Għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, kien cempel lid-Direttur Gvern Lokali fejn dan kien qallu li din l-iskema kienet għalqet u l-flus li suppost kienu għar-Regjun Xlokk kienu għaddew għand ir-Reġjuni l-oħra. Il-President żied jispjega li hu ma kienx ser jaċċetta din is-sitwazzjoni u kien ser jibqa jinsisti mad-DLG li dawn il-fondi jingħataw lir-Reġjun Xlokk kif mistenni. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

## 02.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti

## 02.5 Rapporti

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

## 02.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 72/2027;

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 73/2027 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti inkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**02.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**02.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017 fil-5.30pm

(IFFIRMATA)

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

(IFFIRMATA)

*Antonella Galea*
*A/ Seg. Eżek*